MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**ONOR. IMHALLEF
PHILIP SCIBERRAS**

Seduta tad-9 ta' Lulju, 2008

Appell Civili - Ghawdex Numru. 12/1991/1

**Annunziata *sive* Nancy xebba, Frances xebba, Nazzareno *sive* Reno, Mary Rose xebba u Grace xebba ahwa Grech u Francesco Vella u b'digriet tal-10 ta' April 1997 it-trasfuzjoni tal-gudizzju ghadda f'isem l-eredi prezunt u cioe` l-armla ta' l-istess rikorrenti Gianna mwielda Farrugia u b'nota tad-29 ta' April 1997 Salvu Vella, Maria Attard u Ganni Vella assumew l-atti flimkien ma' ommhom Gianna Vella**

**vs**

**Anthony Mintoff u b'digriet tad-29 ta' Jannar, 2008 il-gudizzju gie trasfuz f'isem Anthony, Emanuel, Eucharist, Rev. Michael, Carmen, Josephine mart Michael Zerafa, Mary Jane mart Teddy Said u Rita mart Loreto Xuereb, ahwa Mintoff u Maria Mintoff armla ta' Anthony Mintoff, kif rapprezentati minn Anthony Mintoff, stante il-newt ta' Anthony Mintoff**

**Il-Qorti,**

Fid-19 ta’ Ottubru, 2007, il-Bord dwar Kontroll ta’ Kiri ta’ Raba’ (Ghawdex) ippronunzjat is-segwenti sentenza fl-ismijiet premessi:-

“Il-Bord,

**Talba ghar-ripreza ta’ raba’ agrikola mikrija, ghall-uzu personali - Htiega li l-inkwilin jaghti prova li r-raba’ hu fonti importanti ghall-ghixien tieghu u tal-familja.**

Ra r-rikors prezentat fit-18 ta’ Novembru 1991 li permezz tieghu r-rikorrenti ppremettew li:

Huma jikru lill-intimat Anthony Mintoff ir-raba’ msejjah tal-Wilga, fil-limiti tal-Ghasri, Ghawdex tal-kejl superficjali ta’ circa erbat elef erba mija u tlieta u hamsin qasab kwadri (4453 qk) pari ghal dsatax il-elf, hames mija u tlieta u hamsin metru kwadru (19,553m2) u konfinanti, lvant ma’ Triq Wied Sara, Punent ma’ Triq Ghasri u Tramuntana ma’ beni tar-rikorrenti kif murija bil-kulur isfar fuq il-pjanta annessa bil-qbiela ta’ tlieta u ghoxrin lira (Lm23) li jaghlaq fil-hmistax (15) ta’ Awwissu ta’ kull sena, l-ewwel skadenza li jmiss hi dik tal-hmistax (15) ta’ Awwissu elf disgha mija u tnejn u disghajn (1992).

Huma ghandhom bzonn ir-raba’ ghal skopijiet agrikoli u sabiex jinhadem minn Francesco Vella u wliedu.

Ghalhekk talbu lill-Bord sabiex previa l-likwidazzjoni tal-kumpens talvolta dovut lill-intimat, jawtorizza lir-rikorrenti jirriprendu l-pussess tal-art u ma jawtorizzax ir-rilokazzjoni tar-raba’ wara l-iskadenza tal-15 ta’ Awwissu 1992.

Permezz ta’ risposta prezentata fit-12 ta’ Frar 1992 (fol. 8) l-intimati kkontestaw it-talba tar-rikorrenti in kwantu hu ghandu bzonn l-art ghal skopijiet agrikoli sabiex tigi kultivata minnu u minn uliedu u wkoll peress li m’huwiex minnu li r-

rikorrent Francis Vella jehtieg l-art ghall-uzu tieghu.

Permezz ta' risposta ulterjuri prezentata fil-21 ta' Ottubru 1992 (fol. 15), l-intimat eccepixxa li m'huwiex lecitu ghar-rikorrenti ahwa Grech li jirreklamaw ir-ripreza tal-pussess a bazi tal-bzonn tal-komproprjetarju l-iehor jew ta' xi hadd mill-familjari tieghu. Ghalhekk il-komproprjetarju l-iehor ma jistax jagixxi ghar-ripreza tal-pussess qabel ma tkun giet segregata l-parti tieghu mill-art komuni.

Ra s-sentenza tal-Bord moghtija fit-3 ta' Dicembru 1997 (fol. 50) li permezz taghha giet michuda l-eccezzjoni moghtija mill-intimat fir-risposta ulterjuri, u fl-istess hin giet michuda t-talba ghar-ripreza ta' l-art peress li fil-fehma tal-Bord l-element ta' "bzonn" ma giex sodisfacentement pruvat.

Ra s-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fit-3 ta' Dicembru 1999 (fol. 117) li rrevokat is-sentenza moghtija mill-Bord in kwantu cahdet it-talba tar-rikorrenti ghaliex ma ssodisfawx l-element ta' "bzonn", u ddikjarat li l-element tal-bzonn min-naha tar-rikorrenti gie sodisfacentement ippruvat u ghalhekk l-atti gew rinvjati quddiem dan il-Bord.

Semgha x-xhieda u ra l-atti kollha tal-kawza inkluzi n-noti ta' sottomissjonijiet prezentati mill-partijiet.

Ra l-atti tal-kawza fl-ismijiet **Annunziata sive Nancy Grech et vs George Mizzi** (Rikors numru: 11/1991) li giet ceduta quddiem il-Qorti ta' l-Appell fis-seduta tas-7 ta' Mejju 1998. Dan in kwantu fil-verbal tas-seduta tal-15 ta' Jannar 1992 (fol. 7) gie ddikjarat li: *"id-difensuri tal-partijiet qeghdin jaqblu u jiddikjaraw illi l-provi tar-rikorrenti ghandha issir riferenza ghall-provi prodotti fir-rikors 11/1991 fl-ismijiet Annunziata sive Nancy Grech et vs*

*George Mizzi……”*. Imbaghad fil-verbal tas-seduta tas-17 ta’ Novembru 1993 (fol. 26) saret dikjarazzjoni fis-sens li *“il-kontendenti assistiti mid-difensuri taghhom jiddikjaraw illi ghall-prova f’dan ir-rikors qed issir riferenza ghall-provi kollha migbura fir-rikors numru 11/91 fl-ismijiet Annunziata sive Nancy Grech et vs Mizzi George….”*.

Ra l-atti tal-kawza fl-ismijiet **Annuziata sive Nancy Grech et vs Joseph Mintoff** (Rikors numru: 1/1992) liema kawza nstemghet kontestwalment ma’ din il-kawza.

Ra n-noti ta’ sottomissjonijiet li gew prezentati mir-rikorrenti (6 ta’ Lulju 2007) u mill-intimat (17 ta’ Settembru 2007).

Ra l-verbal tas-seduta tal-14 ta’ Mejju 2007 minn fejn jirrizulta li l-kawza thalliet ghal-lum ghas-sentenza.

Ikkunsidra:-

1. Kif rajna, permezz tas-sentenza moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell fit-3 ta’ Dicembru 1999 gie kkonfermat li kien *“jirrizulta l-bzonn ta’ Salvu Vella, wiehed mir-rikorrenti appellanti, biex jahdem l-art in kwistjoni ghall-produzzjoni ta’ ghalf li huwa jirrikjedi ghall-annimali illi jrabbi. Is-sottomissjonijiet fir-rigward, li saru mill-intimat appellat li Salvu Vella ma huwiex bidwi imma rahhal ma ghandhom assolutament l-ebda importanza fil-fehma ta’ din il-Qorti, il-ghaliex huwa ma huwiex qieghed jitlob ir-ripreza tal-pussess ta’ l-ghalqa in kwistjoni in kwantu ghandu bzonnha bhala rahhal imma in kwantu ghandu bzonnha biex jahdimha ghall-produzzjoni ta’ ghalf, li imbaghad s’intendi, ghandu bzonn ghall-fini tax-xoghol tieghu ta’ rahhal. Pero’, l-bzonn ghall-uzu ta’ l-ghalqa in kwistjoni ghall-finijiet agrikoli jirrizulta ampjament fil-fehma ta’ din il-Qorti……”*

(fol. 122). L-intimat stess fin-nota ta' sottomissjonijiet tieghu kkonferma li l-kwistjoni ta' bzonn tal-intimat diga' giet determinata bis-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell u *"Ghalhekk, f' dan il-kaz imiss li l-Bord jaghmel immedjatament il-pass li jmiss u jara jekk ir-raba' jintuzax mill-intimat u jekk jikkostitwix mezz importanti ghalih u ghall-ghixien tal-familja tieghu"*.

2. Ghaldaqstant, fadal li jsir stharrig jekk:-

a. Ir-raba' hijiex **fonti importanti** ghal ghejxien ghall-inkwilin u l-familja tieghu; u fl-affermattiv
b. Il-Bord irid iwiezen il-*hardship* rispettiv tal-partijiet sabiex jara min minnhom jista' jbati l-iktar jekk decizjoni tittiehed mod u mhux iehor.

3. Fir-rigward jekk ir-raba' hijiex fonti importanti ghall-ghejxien tal-kerrej, huma rilevanti dawn il-principji:

(i) M'huwiex bizzejjed li ghall-inkwilin ir-raba' tkun fonti ta' dhul, imma trid tkun ***"fonti importanti"***;

(ii) Il-gurisprudenza nterpretat il-kliem "fonti importanti" fis-sens: *"mhux bizzejjed li jirrizulta li mir-raba l-inkwilin idahhal xi qligh jew jiehu xi vantagg. Jehtieg li jigi provat li r-raba jikkostitwixxi mhux biss mezz ta' ghajxien imma li* ***tali mezz ikun mezz importanti ghal tali ghajxien. Importanti ma jfisserx b' mod assolut, li minghajru l-inkwilin ma jkunx jista' jghix. Pero` d-dhul mir-raba jrid ikun tali illi jekk l-inkwilin jigi mcahhad minnu, ikun ser ibati sensibilment fil-mezzi tal-ghajxien tieghu****. Ifisser allura li l-Qorti trid tistabilixxi jekk hux il-kaz li jekk is-sid jigi awtorizzat jirriprendi l-pussess tar-raba, in-nuqqas ta' l-istess raba jkun ifisser ghall-inkwilin tbatija u sagrificcju li jaffettwa negattivament il-kwalita` tal-hajja tieghu. Dana b' mod sostanzjali anke jekk relattiv u mhux assolut."*

(**Nazzareno Farrugia -vs- John Aquilina**, Appell, 29 ta’ April 1996). Fil-kawza fl-ismijiet **Mario Mizzi et vs Victor Stellini** deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fil-5 ta’ Lulju 2006, dan l-element gie spjegat li ghal dan l-element:*“Il-kunsiderazzjoni fundamentali li trid issir hi dik jekk it-tnaqqis fid-dhul mir-raba, jekk mehud lilu, u jahdmu jew ma jahdmux hu personalment,* ***<u>huwiex ser igib pregudizzju markat fil-mezzi tal-ghixien tieghu”</u>*** (sottolinejar tal-Qorti).

(iii) *“…. L-ligi ma tuzax it-terminu “qliegh” li jfisser allura illi ma tezigix illi l-prodott agrikolu rikavat mir-raba ghandu necessarjament jinbiegh u jigi ridott fi flus biex jigi accettat li hu fonti ghall-ghixien ta’ l-inkwilin”* (**Francis Farrugia et vs George Gauci** deciza mill-Qorti ta’ l-Appell fis-7 ta’ Ottubru 1996).

(iv) Fejn imbaghad jirrizulta li r-raba’ ma tkunx fonti importanti ghall-ghixien tal-inkwilin, ma kienx hemm il-htiega li l-Bord jinvesti l-kondizzjoni l-ohra relattiva ghal *hardship*, in kwantu din ma tkunx rilevanti (ara f’dan is-sens **Carmelo Mifsud *et* -vs- Carmelo Fenech**, Appell, 9 ta’ April 1979 u **Giuseppe Mizzi *et* -vs- Joseph Sacco**, Appell, 31 ta’ Mejju 1996);

(v) Fil-kaz ta’ talba ghar-ripreza ta’ raba’ ghall-uzu personali mis-sid jew membri tal-familja tieghu, il-fatt li r-raba’ tista’ tkun saqwi m’hijiex xi konsiderazzjoni rilevanti (Artikolu 4(2)(a) tal-Kap. 199).

4. Mill-atti jirrizulta li wara s-sentenza moghtija mill-Qorti ta’ l-Appell li rrevokat is-sentenza moghtija mill-Bord, l-istadju tal-provi rega’ nfetah berah. Hekk per ezempju l-intimat ressaq provi sabiex juri li r-rikorrenti jridu r-raba’ ghal skop differenti minn dak originarjament dikjarat u provi ohra ntizi sabiex juru li r-raba’ hi fonti importanti ghall-ghixien ta’ wlied l-intimat. Pero’ fir-rigward

tal-bzonn tas-sid diga' hemm is-sentenza tal-Qorti tal-Appell u ghalhekk f'dawn il-proceduri l-Bord hu tal-fehma li ma jistax jerga' jindaga dan l-aspett *ex novo*. Fis-seduta tal-24 ta' Ottubru 2001 gie verbalizzat li *"Il-Bord, f'dan l-istadju ukoll qieghed jaghmilha cara u dan irrispettivament mill-verbal tal-5 ta' April 2001 illi kull prova minn dan l-istadju 'il hemm trid tigi diretta specifikatament ghall-kwistjoni tal-hardship tal-partijiet u dwar jekk ir-raba' hux fonti importanti ghall-ghejxien ta' l-intimat"* (fol. 163-164). Ghal xi raguni jew ohra dan ma sarx.

5. Fl-atti tal-kawza fl-ismijiet **Annunziata sive Nancy Grech et vs George Mizzi** (Rikors numru: 11/1991) hemm it-traskrizzjoni tax-xhieda li kienet inghatat mill-intimat fis-seduta tal-31 ta' Jannar 1996 (fol. 207-215). Fil-qosor l-intimat iddikjara li:

- Hu penzjonant u kien jahdem mal-Gvern bhala *stone dresser*.
- Fid-dar *"hemm jiena, il-mara tieghi, binti Carmela xebba u t-tifel tieghi Dun Mikiel Mintoff"*. It-tfal ghandhom l-impjieg taghhom pero' ma jaghtux ghajnuna finanzjarja.
- Minghand ir-rikorrenti jikri sbatax-il tomna u r-raba' hu baghali. B'kollox jikkalkola li ghandu tmienja u ghoxrin (28) tomna raba' li tinkludi raba' li jikri minghand terzi.
- Normalment mir-raba' jiehu wicc wiehed biss pero' meta taghmel hafna xita jirnexxielu jiehu zewg ucuh ta' patata.
- Mir-raba' kollha li ghandu f'idejh (inkluz ta' terzi) *"nikkalkula li ndahhal madwar seba' mitt lira Maltin (Lm700) fis-sena"* (fol. 210). Minn din is-somma jikkalkola li ghandu terz (1/3) spejjez (fol. 212).
- Hafna mill-wicc tar-raba' li jikri minghand ir-rikorrenti jintuza ghall-ghalf tal-bhejjem; *"parti minnu nzommu ghat-tigieg li ghandi u l-kumplament inbieghu"* (fol. 213).

- Mir-raba' li ghandu, uliedu (Anthony u Emanuel ahwa Mintoff) jahdmu xi disat itmiem u fiha jizirghu *"silla u zergha ghall-bhejjem"* (fol. 215).

L-intimat ma tax dettalji dwar kemm kienet il-penzjoni tieghu. Pero' spjega li hafna mill-wicc tar-raba' li jikri minghand ir-rikorrenti juzah ghall-ghalf tal-bhejjem. Iben l-intimat (Anthony Mintoff) xehed: *"Fir-raba' in kwistjoni, missieri kien ikabbar diversi prodotti. Kien ikabbar haxix tal-borma, pastard, kabocci, bittieh, dulliegh u prodotti ohra simili. Il-prodotti kien ikabbarhom primarjament ghall-uzu tal-familja taghna. Il-prodotti li kien jibqaghlu zejda kien ibieghhom biex jaqla' xi haga tal-flus minnhom"* (fol. 179). Verzjoni differenti minn dik li ta missieru. Il-Bord ser joqghod fuq il-verzjoni moghtija mill-intimat bhala dik l-iktar verosimili. Il-Bord hu tal-fehma li l-intimat ma rnexxielux jaghti provi sodisfacenti li din ir-raba' hi fonti importanti in kwantu:-

(a) Ma tax bizzejjed dettalji dwar kemm effettivament kien id-dhul tieghu mir-raba' meritu tal-kawza fis-sena 1991 u s-snin precedenti.
(b) Naqas milli jaghti prova tal-proporzjon ta' dhul minn dik ir-raba' meta paragunata mad-dhul kollu tieghu.
(c) Mill-ftit informazzjoni li ta l-Bord ma jistax jasal ghal konkluzjoni li r-raba' tar-rikorrenti hi fonti importanti ghall-ghixien ta' l-intimat u tal-familja tieghu. Skond ic-cifri li semma l-istess intimat, kull tomna raba' li kien jiddetjeni ma kienitx qeghda thallilu iktar minn disgha liri (Lm9) fis-sena. Il-Bord m'huwiex sodisfatt li dan kien jolqot ***"sensibilment"*** l-ghixien tieghu u tal-familja.

6. Jirrizulta li f'xi zmien (fil-mori ta' din il-kawza) l-intimat ma baqax jahdem ir-raba'[1] u ghaddiet

[1] Anthony Mintoff , iben l-intimat, xehed li *"Ricentement missieri gie konfinat ghall-uzu tal-weelchair u ghalhekk ir-raba' ghaddiet f'idejna l-ahwa biex nahdmuha ahna nterament"* u kompla jghid li *"Missieri ilu li reha r-raba' personalment madwar erba'*

kollha f'idejn uliedu Anthony u Emanuel Mintoff li huma indipendenti minn missierhom. Mill-provi ma jirrizultax li llum l-intimat, li wara kollox hu l-kerrej, ghandu bzonn l-art meritu tal-kawza jew li qieghed jiehu xi beneficcju minnha u wisq inqas li hi essenzjali ghall-ghixien tieghu. Mix-xhieda ta' Anthony u Emanuel Mintoff, il-Qorti tifhem li ulied il-kerrej qed jahdmu r-raba' ghall-interess personali taghhom. Hu maghruf li *"Hi l-istess ligi li tghabbi fuq spallejn l-affittwarju l-oneru li jipprova li tabilhaqq ir-raba', li tieghu s-sidien jkunu qed jitolbu r-ripreza ghall-bzonnijiet taghhom, ghandu jitqies "fonti importanti ta' l-ghajxien tieghu u tal-familja tieghu" [Artikolu 4 (2) (a) tal-Kapitolu imsemmi]"* (**Joseph Attard et vs Joseph Xerri**[2] deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-12 ta' Lulju 2007). F'din l-istess kawza l-Qorti osservat li peress li *ex admissis* l-inkwilin kien xehed li r-raba' ghandu bzonnha mhux ghalih imma ghal uliedu, *"hu zgur li ma jistax ragonevolment jinghad li l-appellanti iddizempenja ruhu mill-oneru li jipprova li r-raba' hu tassew fonti importanti ghall-ghixien tieghu"*.

Fin-nota ta' sottomissjonijiet li pprezenta fis-17 ta' Settembru 2007, l-intimat iddikjara li *"…isostni li huwa jehtieg din ir-raba' partikolarment ghal uliedu s-subien, partikolarment Anthony Mintoff u Eucharist Mintoff"* (paragrafu 3.1). Mill-provi li ressaq l-intimat stess u l-argumenti li ghamel fin-nota ta' sottomissjonijiet, il-Bord jemmen li l-interess hu biss ta' wlied l-intimat Anthony u Emanuel ahwa Mintoff. Fl-istess nota ma saret l-ebda riferenza li art in kwistjoni hi fonti importanti ghall-ghixien ta' l-inkwilin. Tant hu hekk li l-argument li sar mill-inkwilin hu li *"l-ghixien tal-familji ta' Anthony u Eucharist Mintoff jiddependi primarjament mix-xoghol ta' agrikoltura"* (para. 3.6 fol. 14 tan-nota ta' sottomissjonijiet tal-intimat).

---

*snin. Minn dak iz-zmien lil hawn, ir-raba' bdejna nahdmuha jien u huti izda specjalment jien u hija Emanuel"* (fol. 180).

[2] Imhallef Philip Sciberras.

Wara li nghatat is-sentenza tal-Qorti ta' l-Appell fit-3 ta' Dicembru 1999, l-intimat ressaq provi ta' kif issa l-art qeghda tintuza minn uliedu Anthony u Emanuel Mintoff. Xenarju li hu totalment differenti minn dak li kellu quddiemu l-Bord meta nghatat is-sentenza fit-3 ta' Dicembru 1997. Il-Bord iqies li hu rilevanti f'dan il-kaz li ssir riferenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell fil-kawza **Grezzju Caruana vs Guzeppi Degabriele** tat-3 ta' Novembru 2004. F'dik il-kawza fil-mori tal-proceduri l-inkwilin kien argumenta li kien intemmlu l-impjieg u fil-kors tal-proceduri sar bidwi *full-time*. Il-Qorti gustament ma haditx dan il-fatt in konsiderazzjoni u osservat li:

*Kieku din il-Qorti kellha taccetta dan l-ilment ta' l-appellant tkun qed tirriskja li tiftah il-bieb berah ghal kull min fil-kors tal-proceduri jfettillu bil-volonta unilaterali tieghu jimmodifika u jvarja l-istat ta' fatt minn dak li kien fil-bidu tal-proceduri. Dan bir-riskju ovvju li tigi stultifikata kull talba konsimili ghal din intiza ghar-ripreza tar-raba fuq il-bazi tal-bzonn u jew wkoll ghal kull talba taht xi wiehed mill-motivi l-ohra elenkati mil-ligi fl-Artikolu 4(2) tal-ligi specjali (Kapitolu 199). Hekk, per ezempju, kif hekk sehh proprju f' dan il-kaz, intimat jinghata brevett ta' immunita` mill-konsegwenzi tas-subparagrafu (f) jekk fil-mori tal-kawza jiddeciedi li jsewwi l-hitan tar-raba mill-istat li kienu fil-bidunett tal-kawza u tat-talba bazata fuq dik il-mankanza tieghu li jzomm fi stat tajjeb l-istess hitan jew xi obbligu iehor tal-kirja. Dan, ghal din il-Qorti mhux accettabbli".*

F'dik il-kawza s-sid kien ipprezenta r-rikors fis-sena 1993, u l-Qorti osservat li l-kerrej kien naqas li *"jgib prova dwar kemm effettivament kien id-dhul tieghu annwali mill-prodott tar-raba in kwistjoni fl-1993 u fis-snin precedenti. Hekk ukoll naqas milli jipprova l-proporzjon tad-dhul minn dak ir-raba fil-konfront tad-dhul kollu tieghu"*. Ir-ragumanent li ghamlet il-Qorti ta' l-Appell hu floku mehud in

konsiderazzjoni li jekk ikun mod iehor, kerrej jista' facilment jiehu mizuri fil-kors tal-proceduri biex irendi raba' li qabel ma kienetx fonti importanti ghall-ghixien f'wahda li hi. F'dawn ic-cirkostanzi s-sid jitqieghed f'posizzjoni difficli hafna sabiex jirnexxi fit-talba tieghu fir-ripreza tar-raba'.

Tista' tghid li kaz simili hu dak deciz mill-Qorti tal-Appell fl-ismijiet **Carmela Aquilina vs Teresa Magro**[3]. F'dik il-kawza wiehed mill-ilmenti tas-sid kienet li l-kerrej kienet halliet l-art zdingata u bi hsara fil-hitan. Min-naha taghha l-inkwilina argumentat li ma kienet saret l-ebda prova dwar hsara fil-hitan tar-raba' minn sentejn qabel id-data tas-sentenza tal-Bord (3 ta' Frar, 1994). Il-Qorti ta' l-Appell iddikjarat: *"Issa ghandu ikun ovvjament car illi meta l-Ligi titkellem dwar it-terminazzjoni tal-kirja, qed tfisser il-mument meta s-sid jirrifjuta li jgedded il-kirja jew jintima lill-inkwilin bil-hsieb tieghu li jirriprendi l-pussess tar-raba ghal raguni, li skond hu, kienet tintitolah fil-Ligi li hekk jaghmel. Huwa dak il-mument li jiddetermina l-fatti li taw lok ghall-prezent vertenza u li l-Bord u din il-Qorti iridu jindagaw biex jiddeterminaw jekk id-decizjoni tas-sid li jittermina l-kirja kienetx jew le gjustifikata"*.

7. Bla pregudizzju ghal dak li diga' nghad, fir-rigward tal-introjtu mir-raba', Anthony u Emanuel Mintoff qalu li r-raba' li jahdmu thallilhom somma ta' tlett elef lira Maltija (Lm3,000) netti fis-sena lil kull wiehed minnhom. In kontro-ezami pprovaw juru li l-ghixien taghhom jiddependi mir-raba' u li x-xoghol principali taghhom huwa fir-raba'. Emanuel Mintoff xehed li *"jiena u hija nahdmu xi ghoxrin tomna (20T) raba'. Minn dawn l-ghoxrin tomna hemm xi hamest itmiem (5T) illi huma saqwi. Il-kumplament huma baghali"* (fol. 310). Il-Qorti ma tifhimx din id-dikjarazzjoni fid-dawl ta' dak li qal fl-affidavit tieghu fejn elenka r-raba' li jahdmu hu u hu Anthony Mintoff, li tlehhaq 47½ tomna ohra

[3] 25 ta' Gunju, 1996.

apparti dik tar-rikorrenti (ara fol. 181 u 193). Dan iktar u iktar meta wiehed iqies li l-ahwa Mintoff xehedu li ilhom il fuq minn tletin sena midhla tar-raba'. Fir-rigward tal-art li hi baghali, Emanuel Mintoff iddikjara li *"ahna nizirghu silla u qamh, dejjem hekk sar. Jiena nghid illi meta ahna nizirghu l-qamh jew is-silla, bejn wiehed u iehor, massimu, l-ghalqa thallilna tletin lira (Lm30), ituk meta ahna nbieghu l-qamh jew is-silla xi tletin lira Maltin (Lm30) ghal kull tomna. Mit-tletin lira (Lm30) ovvjament ikollok tnaqqas l-ispejjez talli inti tiehu hsieb l-art u l-prodott"* (fol. 316). Sahansitra fl-affidavit li ghamlu, qalu li l-art li hi baghali *"m'hi tajba ghal xejn"* (fol. 181 u 193), u li dik il-parti tar-raba' li hi saqwi ma tistax tinzergha kontinwament minhabba li jkollha bzonn il-mistrieh. Dan apparti l-konsiderazzjoni l-ohra li meta xehed l-intimat kien iddikjara li l-art meritu ta' din il-kawza hi kollha baghali. Il-Qorti ma tifhimx kif f'dan ix-xenarju hu possibbli li kull wiehed mill-ahwa Mintoff qieghed ikollu qliegh nett ta' tlett elef lira Maltija (Lm3,000) fis-sena. Sahansitra, Emanuel Mintoff xehed li apparti l-dan il-qliegh li jaghmlu kull sena, huhom Eucharistico Mintoff jiehu wkoll mill-prodott u jbiegh minnu.

Il-Qorti kellha l-opportunita' tisma' lil Anthony u Emanuel Mintoff jixhdu *viva voce* u mhi konvinta xejn li ghandhom dan it-tip ta' introjtu mir-raba'. Apparti l-fatt li ma ressqu l-ebda prova dokumentarja (ezempju *profit & loss account*) biex jikkoraboraw din id-dikjarazzjoni, fil-fehma tal-Qorti m'huwiex verosimili li l-art (li huma stess jammettu li fil-maggior parti hi raba' baghali filwaqt li jsostnu li hemm hamest itmiem li huma saqwi) qeghda thalli dan it-tip ta' qliegh ta' kull sena u jibqa' bizzejjed ukoll biex igawdi minnha huhom Eucharistico Mintoff. Dan apparti l-fatt li kien biss fil-kors tal-kontroezami li Anthony u Emanuel Mintoff semmew dawn ic-cifri. Fl-affidavit taghhom illimitaw ruhhom sabiex ighidu li huma bdiewa *full-time* u *"ir-raba' mertu ta' din il-kawza hija*

*mportanti hafna ghalina"* (fol. 180) minghajr ma taw ebda dettalji ta' l-introjtu li ghandhom mir-raba'. Fil-fehma tal-Qorti hu wkoll rilevanti li mill-provi rrizulta kif l-ahwa Mintoff irregistraw bhala bdiewa full-time fil-mori ta' dawn il-proceduri (Anthony Mintoff fl-24 ta' Marzu 2003 – fol. 285; Emanuel Mintoff fl-1 ta' Frar 2006 – fol. 287). Fir-rigward ta' l-*employment history* ta':

- **Anthony Mintoff** kien registrat bhala impjegat full-time ma' Magro Brothers (Foods) fil-perjodu bejn it-22/6/1977 u 13/9/2002 u part-time driver bjn il-15/6/1993 u 31/12/1997 Imbaghad fl-24/3/2003 gie registrat bhala *full-time farmer* (fol. 285).
- **Emanuel Mintoff** kien registrat full-time bhala scammel driver fil-perjodu 11/9/1989-31/1/2006 u xufier part-time tax-xarabank fl-istess perjodu. Imbaghad bejn l/1/2000 u 31/1/2006 kien registrat ukoll bhala *part-time farmer* (fol. 287).

Informazzjoni li tkompli ssahhah l-konsiderazzjonijiet li qieghed jaghmel dan il-Bord. L-intimat jargumenta li *"….hlief ghall-hamest itmiem raba' mertu ta' dan ir-rikors (li hija raba' saqwi), il-bqija tar-raba' fil-pussess ta' Emanuel u Anthony Mintoff hija raba' baghli….. Dan bil-konsegwenza li filwaqt lir-raba' in kwistjoni tista' tigi utilizzata b'mod tajjeb hafna ghall-agrikoltura, ir-raba' l-ohra ta' l-intimat ma tantx tista' tigi utilizzata"*[4]. F'dan ix-xenarju l-Bord ma jistax jara kif din ir-raba' qeghda thalli dak il-qliegh kollu li qeghdin ighidu l-intimati dan iktar u iktar meta fix-xhieda li taw iddikjaraw li l-art baghali mhi tajba ghal xejn u d-dhul m'huwiex iktar minn tletin lira Maltija (Lm30) ghal kull tomna li minnhom iridu jinqatghu l-ispejjez. Inoltre, in kontro-ezami[5] Anthony Mintoff ikkonferma li *"Pero' ovvjament ma*

[4] Pagna 8 tan-nota ta' sottomissjonijiet prezentata mill-konvenut.
[5] Seduta tat-13 ta' April 2007.

*nistghux nizirghu l-ghelieqi li huma saqwi kollha f'daqqa b'dawn l-ucuh ghaliex l-art ikollha bzonn tistrieh u ghalhekk f'dik il-parti li ma nizirghux naghmlu l-qamh u s-silla biex nserrhu l-art"*.

Biex isostni l-argument tieghu, l-intimat ressaq ukoll bhala xhud lil George Said[6] li ddikjara li hu konsulent fil-qasam ambjentali. Wara li nghatat ix-xhieda, ir-rikorrenti saru jafu li l-intimat hu n-nannu tax-xhud. Pero' dan il-fatt wahdu ma jirrendix ix-xhieda ta' George Said bhala mhux kredibbli, ghalkemm wiehed jista' jghid li forsi hemm lok li titqies b'iktar cirkospezzjoni. Fir-rigward ta' din ix-xhieda l-Bord jirrileva li x-xhud:

(a) Ma xehedx dwar introjtu ta' wlied l-intimat, in kwantu ddikjara li hu m'huwiex involut fuq din il-materja u li *"jiena l-assessment tieghi sar fuq il-fatt fuq l-aspett ta' l-agrikoltura. Jiena ma qghadtx nidhol fi kwistjonijiet dwar xi xoghol iehor li jista' jkunu qeghdin jaghmlu l-ahwa Mintoff"*.
(b) Iddikjara li l-art meritu ta' din il-kawza hi kollha saqwi[7] u li jaf li fl-art in kwistjoni hemmil-boreholes. Kif rajna mhux hekk xehed l-intimat u wisq inqas uliedu. Kompla jghid li hu kien jaf li kien hemm il-boreholes. Min-naha l-ohra fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2007 Emanuel Mintoff *"…ikkonferma li l-bore holes ma jinsabux fl-art meritu ta' din il-kawza u tar-rikorsnumru 1/1992, izda fl-istess area, u kkonferma wkoll illi l-bore holes saru mill-ahwa Mintoff jigifieri Emanuel Mintoff u huh Anthony Mintoff u dan minn hmistax (15)-il sena 'l hawn"*. Tant hu hekk li fl-affidavit qal, "….kemm-il darba l-art tmur f'idejn ir-rikorrenti, huma mhux se jkollhom ilma biex isaqqu din ir-raba" (fol. 192).
(c) Iddeskriva l-art li hemm fl-inhawi tal-Wilga bhala *"key production site"*. Fil-fehma tal-Bord din id-dikjarazzjoni tmur kontra dak li xehedu l-ahwa

[6] Seduta tal-14 ta' Mejju, 2007.
[7] *"Nikkonferma wkoll illli minn dak li naf jiena, ir-raba hija l-mertu ta' dawn il-kawzi pendenti quddiem il-Bord, huma kollha saqwi"*.

Mintoff fil-kontro-ezami, meta tqies li qalu li hames itmiem hi saqwi;
(d) Iddikjara li *"Jiena lill-ahwa Mintoff, nafhom biss fil-qasam ta' l-agrikoltura. Ma nafhomx fuq livell personali, fuq xi xoghol iehor"*. Fil-fehma tal-Qorti din id-dikjarazzjoni m'hijiex kredibbli meta wiehed iqies li hu n-neputi ta' l-intimat u qal ukoll li ilu s-snin jaghti servizz ta' konsulenza lill-ahwa Mintoff;
(e) Ghalkemm ix-xhud iddeskriva l-art fl-inhawi tal-Wilga bhala *"key production site"*, ma ta l-ebda indikazzjoni tal-kwantita' ta' prodott li l-ahwa jiehdu mill-art fuq firxa ta' perjodu partikolari;
(f) Ix-xhud iddikjara wkoll li *"jiena naf li huma full time farmers l-ahwa Mintoff ghaliex ghandhom il-karta illi tghid hekk"*. Fil-fehma tal-Bord li tkun registrat bhala bidwi *full-time* m'hijiex prova konklussiva li dak hu x-xoghol principali tieghek.

8. Rilevanti wkoll li jissemma introjtu iehor li rrizulta li ghandhom l-ahwa Mintoff. Il-proporzjoni tad-dhul mir-raba' fil-konfront tad-dhul kollu hu rilevanti biex jigi stabbilit jekk ir-raba' hijiex fonti importanti ghall-ghixien. Mill-provi jirrizulta li:

a) L-ahwa Mintoff ghandhom kumpannija bl-isem ta' A & E Mintoff Company Limited li giet registrata fis-17 ta' Frar 2006 (ara l-Istatut tal-kumpannija a fol 314). Kull wiehed minnhom ghandu elf sehem ordinarju f'din il-kumpannija, li l-ghan ewlieni taghha hu *"to carry out any business activity related to waste disposal, transport, construction and all other types of development"*. Emanuel Mintoff xehed li l-iskop tal-kumpannija *"hu li taghmel xoghol ta' skavar, thammil"*. Isostnu li huma mpjegati *part-time* ma' din il-kumpannija. Ikkonfermaw ukoll il-lista ta' ingenji li giet prezentata mir-rikorrenti (fol. 313), u Emanuel Mintoff qal li dawn jintuzaw ghax-xoghol tal-kumpannija eskluzi l-karrozzi tal-linja. Jirrizulta li din il-kumpannija ghandha scammel u tinghata xoghol mill-Ko-Operattiva ta' l-Indafa Pubblika li taghha Emanuel Mintoff hu tezorier u membru (fol.

309), kif ukoll toffri s-servizz ta’ garr ta’ planki. Qabel giet registrata l-kumpannija, dan ix-xoghol kien isir mill-ahwa Mintoff personalment[8]. Emanuel Mintoff ikkonferma li dan ix-xoghol kienu ilhom jaghmluh ghal xi hmistax-il sena. Skond l-ahwa Mintoff minn dan ix-xoghol ghandhom dhul mizeru ta’ mija u hamsin lira Maltija (Lm150) fix-xahar netti. Cifra li ma tikkonvinci xejn lil dan il-Bord. L-argument ta’ l-intimat li l-kumpannija li waqqfu l-ahwa Mintoff *“ma tantx qed tirrendi qliegh sakemm tistabilixxi ruhha”*[9] m’huwiex floku ghaliex rajna kif l-ahwa Mintoff ilhom f’dan ix-xoghol ghal snin twal hafna u huma armati tajjeb bl-ingenji. B’dawn it-tip ta’ argumenti l-Bord ikompli jikkonvinci ruhu li l-ahwa Mintoff qeghdin jipprovaw ipingu xenarju li fir-realta’ ma jezistix. F’dan il-kuntest hi flokha wkoll l-osservazzjoni li ghamlu r-rikorrenti li *“l-iskopijiet ta’ din is-societa jallacjaw ruhhom mal-attivitajiet principali li dejjem ikkonducew l-ahwa Mintoff”*[10]. Emanuel Mintoff gie mistoqsi kemm kien ikollhom xoghol f’din l-attivita’ qabel twaqqfet il-kumpannija, u wiegeb *“Jiena ma nistax nghid kemm kien ikollna xoghol ta’ skavar……”* (fol. 309). Inoltre, l-fatt li Anthony Mintoff kien ukoll impjegat man-nies ma jfissirx (kif argumenta l-intimat fin-nota ta’ sottomissjonijiet) li n-negozju ma kienx jirrendi *“…qliegh daqstant tajjeb”*.

b) Huma proprjetarji ta’ zewg karrozzi tal-linja li jintuzaw bhala *“public buses kif ukoll fuq xoghol ta’ l-iskejjel”*[11]. F’dan ir-rigward Emanuel Mintoff xehed: *“….ahna ghandna n-nies maghna jahdmu u giel ukoll soqthom jien”* (fol. 309). Hadd minnhom ma ddikjara xi dhul ghandhom minn din l-attivita’ u anzi Anthony Mintoff xehed li *“….ma nafx x’inhu d-dhul ezatt minn dan ix-xoghol pero’ l-ispejjez zdiedu hafna, id-diesel zdied, ghandna*

---

[8] Anthony Mintoff xehed li hu kien ghamel hamsa u ghoxrin (25) sena jahdem mal-kumpannija Magro Brothers.
[9] Pagna 11 tan-nota ta’ sottomissjonijiet tal-intimat.
[10] Pagna 4 tan-nota ta’ sottomissjonijiet tar-rikorrenti.
[11] Kontro-ezami ta’ Emanuel Mintoff (seduta tat-13 ta’ April 2007) (fol. 311).

*impjegat maghhom”* (fol. 315). Sahansitra wasal biex ighid li llum qeghdin joperaw bit-telf. Min-naha tieghu Emanuel Mintoff xehed *“Ma nafx xi dhul ghandi mix-xoghol tal-buses ghax kollox jidhol fil-kumpannija”* (fol. 311), meta l-kumpannija ilha registrata biss 17 ta’ Frar 2006 (fol. 314). Certament li dawn it-tip ta’ dikjarazzjonijiet min-naha ta’ l-ahwa Mintoff ma jghinuhomx biex jikkonvincu lill-Qorti li qeghdin igidu l-verita’. L-ahwa Mintoff baqghu ma tawx indikazzjoni x’inhu d-dhul minn din l-attivita’.

c) Emanuel Mintoff qal li jahrat ghelieqi ta’ haddiehor u minn dan ix-xoghol *“taf iddahhal xi elf lira (Lm1,000) pero’ jigu wkoll xi drabi fejn taf iddahhal xi seba’ mitt lira (Lm700); mhux dejjem l-istess, skond kemm ikollok xoghol u t-tip ta’ xoghol”* (fol. 311).

d) L-ahwa Mintoff jimportaw ukoll xi ingenji fl-interess ta’ terzi. Anthony Mintoff qal li *“….meta jsir hekk min ikun qieghed jixtri l-makkinarju, ihallas direttament hu barra pero’ lilna jtina kumpens zghir bhal xi hamsin lira Maltin (Lm50)…… Din hija xi haga li ssir rarament”* (fol. 316). Min-naha l-ohra Emanuel Mintoff qal li din l-attivita’ ssir biss mal-hbieb taghhom u ma jiricievu ebda hlas.

e) Emanuel Mintoff ghandu wkoll ammont ta’ flus li skond hu joqorbu t-tletin elf lira Maltija (Lm30,000) f’depoziti bankarji (fol. 310). Iddikjara wkoll li ghandu farmhouse (dan dejjem meta sarlu l-kontro-ezami).

Anke f’dan ir-rigward il-Bord mhu konvint xejn mill-istampa li pprovaw jaghtu l-ahwa Mintoff fil-kors tal-kontroezami meta gew rinfaccjati b’domandi ntizi biex juru li huma ghandhom introjtu iehor, u x’kien dan l-introjtu. M’huwiex verosimili li ma jafux x’inhu d-dhul taghhom mill-karrozzi tal-linji u fl-istess hin jippretendu li l-Bord ghandu jaccetta dikjarazzjoni semplici li qeghdin pjuttost joperaw bit-telf. Lanqas mhu verosimili li l-ahwa Mintoff ghandhom dak id-dhul minimu li jghidu li

ghandhom mill-kumpannija, meta wiehed iqies li ilhom f'dak il-generu ta' negozju ghal dawk is-snin kollha li semmew. Anthony Mintoff xehed, *"Jiena nghid illi din il-kumpannija ghadha kif tikkreja ruhha, allura wiehed jista' jimmagina x'tip ta' qliegh thallilek"* (fol. 315). Dan meta rajna kif din il-kumpannija baqghet taghmel l-istess attivita' li qabel kienu jaghmlu l-ahwa Mintoff f'isimhom personali. L-oneru tal-prova qieghed fuq l-inkwilin li jrid jaghti stampa shiha u cara li verament ir-raba' hi fonti importanti, u mhux ihalli l-affarijiet fl-ishab. Il-Bord kellu wkoll l-opportunita' li jqies il-komportament ta' dawn iz-zewg xhieda fuq il-pedana, u jistqarr li l-iktar fil-kaz ta' Emanuel Mintoff l-istampa li beda jipprova jpingi ma kienet xejn konvincenti u ntiza biss sabiex fir-rigward tal-introjtu mill-attivitajiet l-ohra li jaghmlu jaghti l-impressjoni li d-dhul hu ftit li xejn. Il-Bord jemmen li l-attivita' principali tal-ahwa Mintoff m'hijiex ir-raba' imma n-negozju l-iehor li ghandhom.

9. Il-Bord jasal sabiex japprezza li din ir-raba' hi ta' vantagg ghal ulied l-intimat, pero' certament li ma jistax jasal biex ighid li dan il-vantagg jincidi b' mod determinanti fuq l-importanza tal-ghalqa in kwistjoni bhala fonti tal-ghajxien taghhom. Il-Bord lanqas mhu jara li fic-cirkostanzi attwali ta' dan il-kaz jekk is-sid jigi awtorizzat jirriprendi l-art, l-intimat u t-tfal tieghu (Anthony u Emanuel Mintoff) ser ibaghatu *"sensibilment fil-mezzi ta' l-ghixien"* taghhom u *"…in-nuqqas ta' l-istess raba jkun ifisser ghall-inkwilin tbattija u sagrificcju li jaffettwa negattivament il-kwalita' tal-hajja tieghu. Dan b'mod sostanzjali anke jekk relattiv u mhux assolut"*[12]. Mehud in konsiderazzjoni li *"Hi l-istess ligi li tghabbi fuq spallejn l-affittwarju l-oneru li jipprova li tabilhaqq ir-raba', li tieghu s-sidien jkunu qed jitolbu r-ripreza ghall-bzonnijiet taghhom, ghandu jitqies "fonti importanti ta' l-ghajxien tieghu*

[12] Bran mis-sentenza gja citata fl-ismijiet **Nazzareno Farrugia vs John Aquilina** deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-29 ta' April 1996.

*u tal-familja tieghu" [Artikolu 4 (2) (a) tal-Kapitolu imsemmi]"*[13], il-Bord m'huwiex sodisfatt li l-intimat irnexxielu jaghti prova ta' dak li tezigi l-istess ligi.

10. Inoltre, argumenti bhal dawk li ghamel l-intimat li r-raba' tista' tigi utilizzata ahjar ghaliex ghandu raba' ohra f'idejh u li din ir-raba' l-ohra trendi l-art meritu ta' dawn il-proceduri bhala wahda saqwija (apparti l-fatt li rajna kif l-ahwa Mintoff stess accettaw li l-parti l-kbira tal-proprjeta' hi baghali), fil-fehma tal-Bord ma jrendux ir-raba' bhala fonti importanti ghal ghixien tal-inkwilin.

11. F'dawn ic-cirkostanzi m'huwiex mistenni mill-Bord li jaghmel ezami komparattiv ta' min bejn is-sid u l-kerrej ser isofri l-iktar tbatija (ara sentenza tal-Qorti tal-Appell moghtija fil-kawza fl-ismijiet **Anthony Abela et vs Francis Degabriele** deciza fid-9 ta' Lulju 1999).

Ghal dawn il-motivi l-Bord qieghed jaqta' u jiddeciedi r-rikors billi jilqa' t-talba tar-rikorrenti u jawtorizzahom jirriprendu l-pussess tal-raba' maghruf bhala tal-Wilga, fil-limiti tal-Ghasri, Ghawdex meritu ta' dawn il-proceduri u jiddikjara li mhu dovut l-ebda kumpens in kwantu ma tressqux provi li saru xi benefikati kif prospettat mil-ligi. Ghal fini ta' zgumbrament tiffissa terminu ta' xahrejn mil-lum.

Spejjez kontra l-intimat (ovvjament mhux inkluzi dawk diga' determinati skond is-sentenza moghtija fit-3 ta' Dicembru 1999 mill-Qorti ta' l-Appell), salv ghal dawk relatati mar-rikors prezentat fis-6 ta' Lulju 2007 li ghandhom ikunu a karigu tar-rikorrenti.**"**

[13] **Joseph Attard et vs Joseph Xerri** deciza mill-Qorti ta' l-Appell (Imhallef P. Sciberras) fit-12 ta' Lulju 2007.

Fl-appell taghhom minn din is-sentenza s-successuri ta' l-intimat iressqu numru ta' aggravji f' din l-ordni:-

(1) Il-proceduri huma nulli ghaliex ir-rikors promotur u certi atti ohra sussegwenti gewipprezentati quddiem Bord li ma ghandux il-kwalifika li ssemmi l-ligi;

(2) Is-sentenza hi wkoll nulla ghaliex fl-okkju taghha ma tezisti ebda referenza illi Gianna Vella u wliedha Salvu, Maria Attard u Ganni, ahwa Vella ssubentraw fil-gudizzju minhabba l-mewt tar-rikorrenti Francesco Vella;

(3) Il-Bord iddecieda l-fattur bzonn ta' l-inkwilin riferibilment fir-rigward ta' l-intimat orginarju mharrek u mhux ukoll dik ta' wliedu Emanuel u Anthony ahwa Mintoff li, in vista ta' sahhet l-istess intimat, dahlu jikkultivaw ir-raba' minfloku. F'dan il-kuntest isostnu illi l-Bord kellu ghab-bazi tal-principju tal-*jus superveniens* jiehu in konsiderazzjoni c-cirkustanzi li jkunu sehhew waqt l-andament tal-kawza;

(4) Il-Bord ghamel apprezzament zbaljat tal-fatti meta ddecieda li ma huwiex konvint dwar l-element tal-bzonn ta' l-imsemmija ahwa Mintoff. Dan kemm fir-rigward tal-qliegh taghhom mir-raba' kif ukoll fir-rigward ta' sorsi ohra ta' l-introjtu taghhom. F'dan il-kuntest jikkontendu wkoll illi in vista ta' l-attivita` minnhom kondotta fil-mori tal-kawza r-raba' *de quo* kien jikkwalifika bhala raba' saqwi;

(5) Il-Bord ma kienx messu ttratta b'cirkospezzjoni x-xhieda ta' George Said ghal fatt li dan kien imparentat maghhom;

(6) Hi wkoll errata l-konkluzjoni tal-Bord fejn dan jafferma illi ma hi ta' ebda rilevanza l-konsiderazzjoni jekk ir-raba' jistax jigi utilizzat ahjar minnhom milli kieku jigi sfruttat mir-rikorrenti;

Ghall-appell interpost b'dawk l-aggravji, ir-rikorrenti ssollevaw bi pregudizzjali n-nullita` ta' l-appell ghar-raguni illi s-subentrati fil-gudizzju ma kellhomx ikunu rapprezentati minn wiehed fosthom u, inoltre, dawn naqsu wkoll milli jipprezentaw rikors ghat-trasfuzjoni tal-gudizzju fit-termini ta' l-Artikolu 806 tal-Kodici ta' Organizzazzjoni u Procedura Civili;

Fuq din il-pregudizzjali jibda biex jinghad li hi diposizzjoni tal-ligi fl-artikolu precitat illi ghal kaz fejn wahda mill-partijiet tmut matul il-kawza, il-werriet, ezekutur testamentarju jew kull wiehed iehor li jkollu interess jista' fuq talba *ad hoc* jidhol minflok il-parti deceduta. Jidher almenu in kwantu jikkoncerna lill-eredi illi hu *jus receptum* illi dan id-dritt taghhom "*nasce dalla legge di successione*" ("**Michel'Angelo Tabone -vs- Giuseppe Bugeja *et***", Appell Civili, 13 ta' April, 1885). Jissokta, imbaghad, jigi pprecizat illi "l-Qorti tista' tawtorizza dik it-trasfuzjoni meta jitolbuha *de proprio* l-interessati fis-successjoni tal-mejjet" ("**Giuseppe Camilleri *et* -vs- Carmelo Mifsud**", Appell Civili, 8 ta' Gunju, 1992);

Fil-kaz prezenti din l-okkorrenza avverat ruhha proprju fl-istess jum li fih giet ippronunzjata s-sentenza tal-Bord. Dan jikkonfermah ic-certifikat tal-mewt ta' l-intimat Anthony Mintoff. Fis-7 ta' Novembru, 2007 l-appellanti pprezentaw l-ewwel rikors taghhom ghat-trasfuzjoni tal-gudizzju liema talba giet milqugha mill-Bord b'digriet tad-9 ta' Novembru, 2007. Flimkien ma' dak ir-rikors l-appellanti intavolaw separatament l-appell taghhom mis-sentenza fil-kwalita taghhom ta' eredi prezuntivi ta' l-imsemmi intimat. Huwa opportun li jigi notat illi f'dak ir-rikors taghhom ghat-trasfuzjoni tal-gudizzju, aktar tard, in vista ta' l-otteniment tac-certifikati u tad-dokumenti relattivi, amplifikat b'rikors iehor tat-28 ta' Jannar, 2008, ir-rikorrenti talbu li l-gudizzju jigi trasfuz f'isimhom. Jikkonsegwi minn dan illi dik ir-rapprezentanza li tissemma fir-rikors ta' l-appell, ghal liema obbjettaw l-appellati, saret *per inutile* – ammenokke mhux ghal fini biss ta' eventwali notifiki – u ma kellhiex ghalfejn tissemma, anke ghaliex, kif maghruf, ir-

rapprezentanza f'qaghda bhal din ma tistax hlief tkun *se mai* wahda koatta ta' l-eredita` gjacenti ghal kaz li hadd ma jitlob it-trasfuzjoni. Ara Artikolu 807, Kapitolu 12. Apparti li l-materja hawn konsiderata ma gabet ebda pregudizzju lill-kontroparti, in-nullita` vantata lanqas ma tista' tigi akkolta anke ghaliex, fil-fattispece, il-Qorti ma tistax tavverti d-difett procedurali sottomess mill-appellati. Ghallanqas ghal din il-Qorti huwa car illi r-rikors sar f'isem il-persuni investiti bl-istess interess li kellu l-mejjet;

Eliminat it-terren minn din il-pregudizzjali, il-Qorti ser tghaddi biex tiddelibera fuq kull wiehed mill-aggravji sottoposti lilha. Dan mhux necessarjament billi tinvestihom *singulatim* in kwantu whud minnhom jinondaw wahda fuq l-ohra;

Kif rilevat mill-appellati fir-risposta ta' l-appell taghhom, l-ewwel motiv ta' aggravju mqanqal mill-appellanti ma jidherx li jimmerita wisq approfondiment. Huwa fatt li l-indikazzjoni ta' l-isem tal-Bord adit fl-att promotur hi wahda zbaljata ghaliex dan il-ligi stess, ex-Artikolu 2 tal-Kapitolu 199, tispecifika t-tifsira tal-kelma "Bord". Ciononostante, l-appellanti ma jistghux jippretendu illi f'dan l-istadju inoltrat tal-proceduri in sede appell jinvokaw in-nullita ta' l-atti meta huma ma jkunu ghamlu xejn biex jimpedixxu dak l-izball, u anzi, l-intimat ikun accetta r-rikors b'dak l-isem tal-Bord indikat hazin, u sahansitra, ippartecipa fil-proceduri quddiem il-Bord minghajr ma ssolleva dik l-indikazzjoni erronea. Dan hu sew estratt mill-konsiderazzjoni ta' l-Artikolu 789 tal-Kapitolu 12. Ara ghal dak li jiswa s-sentenza ta' din il-Qorti ta' l-24 ta' Novembru, 2003 fl-ismijiet "**Monica Caruana *et* -vs- Joseph Borg *et***". In effetti, ukoll, il-punt issa mqanqal qatt ma fforma kontroversja quddiem il-Bord u allura mhux lanqas lecitu illi l-appellanti jintroducu f'dan l-istadju cirkustanzi guridici li ma gewx allegati u lanqas definiti mill-ewwel tribunal. L-ewwel aggravju qieghed ghalhekk jigi respint;

Hekk ukoll din il-Qorti ma jidhrilhiex li t-tieni motiv ta' aggravju jista' jigi milqugh. Apparti li hi wkoll gurisprudenza illi "ebda ligi ma tiddisponi illi fl-okkju ghandha ssir xi aggunta meta xi hadd jassumi l-atti minflok xi wahda mill-partijiet anke jekk fil-prattika dan isir" ("**Joseph Giorgio *nomine* -vs- Caterina Giorgio**", Appell Civili, 23 ta' Gunju, 1947), fil-kaz in ispeci s-sentenza tindika wkoll fl-okkju taghha illi l-atti gew trasfuzi f'isem l-eredi prezunti ta' Francesco Vella in forza tad-digriet tal-Qorti tal-10 ta' April, 1997 (fol. 44 tal-process) ghal liema jirreferi. Dan konformement ma' dak rispekkjat fl-okkju tad-decizjonijiet l-ohra anterjuri ghas-sentenza finali fil-mertu;

Skartati dawn l-ewwel zewg kapijiet ta' aggravji procedurali, il-Qorti thoss li ghall-ezami tal-mertu ta' l-aggravji li segwew ghandha tibda biex taghmel din il-preliminari. Is-sentenza fl-ismijiet "**Jane armla minn John Mary Calleja *et* -vs- Francesco Calleja *et***", Appell, 6 ta' Ottubru, 2000 turi sew il-perkors li kellu jigi segwit mill-Bord fl-ezami tieghu tal-kaz wara li jkun sodisfatt mill-element tal-bzonn tar-rikorrenti fit-termini ta' l-Artikolu 4 (2) (a) tal-Kapitolu 199. Jigifieri li:-

(i) il-kerrej ikun issodisfa d-difiza tieghu li r-raba' in kwestjoni kien fonti importanti ta' l-ghixien tieghu u tal-familja;

(ii) sodisfatt dan l-element, li jigi kondott l-ezami komparattiv biex ikun stabbilit jekk il-kerrej ibatix aktar minn sid il-kera jekk it-talba tigi milqugha;

Dan premess, mhux il-kaz li l-Qorti toqghod hawnhekk terga' tirriepiloga l-provi. Tillimita ruhha ghall-osservazzjoni illi fuq il-fatti kif allegati mill-intimat il-Bord, korrettement fil-fehma tal-Qorti, ma rravvizax illi r-raba' in kwestjoni kien jikkostitwixxi dik il-"fonti importanti", enuncjata u mfissra bosta drabi mill-Qrati taghna fi skorta ta' decizonijiet. Primarjament fosthom, is-sentenzi fl-ismijiet "**Nazzareno Farrugia -vs- John Aquilina**", Appell, 29 ta' April, 1996 u "**Giuseppa Mizzi *et* -vs- Joseph Sacco**", Appell, 31 ta' Mejju, 1996;

L-appellanti ma jidhrux li jikkwerelaw dan il-gudizzju tal-Bord li sar fuq dan il-punt fir-raffront tal-qaghda ta' l-intimat. Huma, invece, jikkontendu, u jippretendu wkoll, illi l-Bord kien messu kkonsidra s-sitwazzjoni mill-punto di vista tal-bzonn taz-zewg uliedu Emanuel u Anthony Mintoff ghax kienu dawn li fil-pendenza tal-gudizzju ndahlu biex jkkoltivaw ir-raba' minflok l-intimat missierhom li, fil-frattemp, kien inabilitat minhabba mard sopravenjenti. Ma' dan l-argument din il-Qorti rispettosament ma taqbelx. Ir-rapport ta' inkwilinat ma kienx ma' l-imsemmija ahwa Mintoff izda ma' missierhom. Kien dan ta' l-ahhar li allura kellu jipprova illi r-raba' kien sors vitali ghall-ghixien tieghu, u mhux ukoll l-ahwa Mintoff. Fuq il-punt din il-Qorti gja kellha okkazjoni tesprimi l-hsieb taghha fid-decizoni "**Grezzju Caruana -vs- Guzeppi Degabriele**" (3 ta' Novembru, 2004, referenzjata wkoll mill-Bord fis-sentenza tieghu, u mhux il-kaz li toqghod hawnhekk ukoll tirrepeti dak l-istess hsieb taghha. Izzid biss li huwa inawdit illi ghaliex il-kawza twalet daqshekk u avveraw certi zviluppi, il-Bord kien obbligat li jokkupa ruhu wkoll mill-bzonn ta' l-ahwa Mintoff meta dawn ma kienux ko-inkwilini ma' missierhom, ma kienux jiddependu minnu, u, fuq kollox, ir-rikavat minnhom minn dik il-produzzjoni agrarja taghhom kienu qeghdin izommuh ghalihom. Kieku dan kellu jigi accettat ikun tabilhaqq ifisser illi l-ezercizzju kollu tendenti ghad-determinazzjoni tar-rekwizit tal-"fonti importanti" jigi rez fix-xejn ghax allura jigi li l-Bord ikollu jevalwa l-qaghda mill-ottika ta' kull min, fil-mori tal-gudizzju, ifettillu jibda jahdem ir-raba', bil-konsegwenza li l-Bord ikollu japprezza l-introduzzjoni minn dawn ta' metodi u arrangamenti godda ghat-trasformazzjoni tar-raba' u ghall-kultivazzjoni taghha ghal fini ta' l-evalwazzjoni tar-rekwizit tal-"fonti importanti". Ghal din il-Qorti dan mhux accettabbli;

Dejjem in tema, biex wiehed iwiegeb ghal certi osservazzjonijiet ta' l-appellanti, huwa fatt illi fil-mument ta' l-introduzzjoni tal-proceduri *de quo* quddiem il-Bord ir-raba' kien wiehed baghli. Il-fatt li l-imsemmija ahwa Mintoff haffru *boreholes* fil-vicinanza ta' dan ir-raba', u

dejjem fil-mori tal-kawza, ma jbiddlux il-karattru ta' dak l-istess raba' b'mod li l-Bord kellu jaghti dan il-fatt xi piz debitu. L-istess gurisprudenza taghna ddecediet dan il-punt tas-saqwi meta osservat illi "l-importanti li dakinhar (sottolinear tal-Qorti) l-intimat kellu sistema fissa u permanenti ta' irrigazzjoni tal-ghalqa u anke sorsi ta' l-ilma bizzejjed biex tinzamm imsoqqa s-sena kollha". Ara "**George Galea *et* -vs- Antonio Xuereb**", Appell, 16 ta' Jannar, 1984 u "**Adelina Vassallo *proprio et nomine* -vs- Toni Pace *et***", Appell, 24 ta' Ottubru, 1984. Fil-kaz prezenti, in bazi ghar-rizultanzi processwali, dan ma kienx hekk il-kaz;

Fir-rigward, imbaghad, tal-principju tal-*jus superveniens* invokat, ikollu jinghad li t-teoretika prospettata mill-appellanti lanqas ma hi guridikament fondata. Dan ghaliex it-teorija tal-*jus superveniens*, ta' indoli prettament procedurali, u mhux ukoll sostantiva, giet dejjem applikata ghall-kazijiet meta minghajr ma tbiddel id-domanda, ghalkemm l-attur ma kellux dak id-dritt li jkun qed jitlob fil-mument tac-citazzjoni, izda dak id-dritt jigi jsehh fil-mori tal-gudizzju. Il-kazijiet tipici li fihom giet applikata t-teorija huma dawk ta' verifika tal-kondizzjoni u l-iskadenza ta' xi terminu waqt il-kawza. Ara "**Joseph Mifsud -vs- Francis Abela**", Appell Civili, 8 ta' Marzu, 1989. Li jfisser li d-difett inizzjali jkun gie sanat bis-supervenjenza tad-dritt. Ara "**Mary *sive* Maruzza Calleja Urry *et* -vs- Alfred Camenzuli**", Appell Civili, 26 ta' Marzu, 1991. Skop ta' dan hu dak ta' l-evitar ta' gudizzju iehor. Ara "**Emmanuele Vella -vs- Dr. Pietro Paolo Galea *et***", Appell Civili, 3 ta' Mejju, 1948. Hawn ukoll, il-kaz prezenti mhux wiehed minn dawn;

Magdud dan, ma jistax ma jkunx rifless, imbaghad, illi l-Bord ma naqasx lanqas milli, anke b'mod elaborat hafna, jikkonsidra l-gestjoni tar-raba' da parti ta' l-ahwa Mintoff u jekk tali sfruttament tieghu kienx, anke ghal certu paragun tal-*hardship*, li, del resto, ma kienx hekk necessitat f'dan il-kaz – wiehed ta' attivita` fruttifera u ta' qliegh tali fil-komparazzjoni ma' introjti alternattivi li kellhom. Jekk b'dik

il-valutazzjoni tieghu l-Bord hass li ma kellux jakkorda affidament u kredibilita` lix-xhieda taghhom jew dik tat-terz prodott minnhom, l-ebda censura ma tista' ragonevolment tigi addossata lill-Bord ghal dik ir-raguni. Kif jinsab ritenut, "fi kwestjoni ta' kredibilita` u apprezzament ta' prova l-kriterju mhux jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjoni imma jekk dik l-ispjegazzjoni hix possibbli u minn lewn id-dinja fic-cirkustanzi zvarjati tal-hajja." ("**Joseph Borg *et* -vs- Joseph A. Bartolo**", Appell Inferjuri, 25 ta' Gunju, 1980). F'dan il-kaz in bazi ghar-rizultanzi istruttorji li kellu quddiemu l-Bord fuq il-valutazzjoni proprja, ma sabx li dik l-ispjegazzjoni kienet possibbli jew wahda verosimili. Ma' dan il-Qorti pjenament tikkonkorda u ma ssib xejn illogiku jew inkongruwenti fil-konsiderazzjonijiet mill-Bord maghmula. Dan anke minghajr ma tinfatam mir-riflessjonijiet l-ohra superjorment maghmula. U la dan hu hekk il-kaz, ukoll skond gurisprudenza pacifika, il-valutazzjoni hekk maghmula ta' l-elementi probatorji utilizzati mit-tribunal ta' l-ewwel istanza ma tistax tattira s-sindakabilita` ta' din il-Qorti;

Ikollu jinghad illi fil-kumpless is-sentenza appellata sew indirizzat u sew ikkonsidrat dawk l-istess elementi li fuqhom il-Bord ibbaza l-konvinciment tieghu. Mhux il-kaz, allura, li din il-Qorti taccetta d-denunzji ta' l-appellanti bl-ahhar erba' aggravji taghhom biex tiddiskosta ruhha mill-konkluzjoni finali tal-Bord.

Ghal dawn il-motivi din il-Qorti filwaqt li tichad il-pregudizzjali sollevata mill-appellati bl-ispejjez kontra taghhom, tichad ukoll l-appell devolut fl-aggravji kollha tieghu, bl-ispejjez ta' din l-istanza jibqghu sopportabbli mill-istess appellanti. Ghal skop ta' zgumbrament it-terminu ta' xahrejn stabbilit mill-Bord jibda jiddekorri mid-data ta' din is-sentenza.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------